MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 73

10 ta' Awwissu 2012

Minuti tas-Seduta Nru. 73 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Ġimgħa, 10 ta' Awwissu 2012.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrefera għall-minuta 2.10.3. **(Ref: P/10/17)** tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti u ppropona li tinqara kif jidher hawn taħt:

*"2.10.3. Is-Sur E. Bartolo qal li kien diffiċli ħafna li tinstab konnessjoni bl-ajru bejn Malta u l-Latvia u l-iqsar waħda li nstabet kienet: Malta/Ruma/Riga u Riga/Milan/Malta bi spiża ta' €461 għal sitta u wieħed ta' €512. Spjega wkoll li t-titjiriet ser ikunu mal-AirMalta u ser jinxtraw minn żewġ aġenziji ta' ivjaġġar differenti. Is-sitt żgħażagħ parteċipanti ser ikunu qed jikkontribwixxu €120 kull wieħed għal din l-ispiża.".*

1.2. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għall-minuta 4.2.2. **(Ref: T/3/3/Vol IV; T/5/1/Vol II)** tat-tieni parti tas-seduta preċedenti u talab li din tinqara kif ġej:

"4.2.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf il-Kap Eżekuttiv ta' Transport Malta għamel il-kontro-proposti tiegħu, li jipprovdu kif ġej:

(1) Jingħalaq l-aċċess għall-vetturi kollha minn Triq il-Marfa, kantuniera ma' Dawret il-Mellieħa, ħlief għal karozzi tal-linja, filwaqt li l-bqija tal-vetturi jiġu devjati lejn Dawret il-Mellieħa;

(2) Vetturi ġejjin mit-tramuntana li jkunu jridu jmorru lejn in-naħa Ta' Gerbulin/Tas-Sellum. L-aċċess ikun magħluq minn Triq il-Wied Ta' Ruman 'il fuq;

(3) Jiġu stazzjonati uffiċjali tal-infurzar ta' l-Awtorita` fi Triq il-Marfa, kantuniera ma' Dawret il-Mellieħa u ieħor fi Triq il-Marfa qrib Triq it-Trill biex jiżguraw il-ħarsien tal-arranġament deskritt fil-paragafi (1) u (2), bejn is-6.00am u t-8.00pm matul il-ġimgħa kollha; u

(4) Triq Ġorġ Borg Olivier tibqa' *one-way* bl-arrangament preżenti ħlief għat-traffiku ntern.

1.3. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 4.2.3. tat-tieni parti tas-seduta preċedenti, u ppropona li tinqara hekk:

"4.2.3. Is-Sur R. Cutajar, għarraf wara konsultazzjonijiet mal-Kunsillier J. Buttigieg dwar din il-materja, huwa bgħat *e-mail* lill-Kap Eżekuttiv ta' Transport Malta fl-20 ta'

Lulju 2012, fejn spjega l-posizzjoni tal-Kunsill, fid-dawl tad-diskussjoni li kien hemm fl-ewwel parti tas-seduta, ossija li:

(a) Traffiku li jkun sejjer lejn in-nofsinhar jgħaddi minn Dawret il-Mellieħa;

(b) It-toroq ewlenin jibqgħu *two-way* għat-traffiku ntern, filwaqt li *one-way* biss għat-traffiku li jkun sejjer lejn it-tramuntana;

(c) Jerġa jkun hemm żewġ uffiċjali tal-infurzar ta' Transport Malta, flimkien ma' gwardjan lokali pprovdut mill-Kunsill;

(d) Intalab aktar tagħrif dwar it-tħaddim tas-servizz *shuttle* propost minn Transport Malta.".

1.4. Il-Kunsill approva l-minuti tal-ewwel u t-tieni parti tas-Seduta Nru. 72, kif wkoll li l-istess minuti jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Sitwazzjoni tat-traffiku fit-toroq ewlenin (T/3/3/Vol IV)(T/5/1/Vol II)

2.1.2. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għall-minuta 4.3.4. tat-tieni parti tas-seduta preċedenti u ilmenta li test tal-ittra mibgħuta minn Transport Malta tas-26 ta' Lulju 2012 ma ġiex għall-attenzjoni tal-Kunsill u għalhekk kien hemm punti li setgħu nqabżu.

2.1.3. Is-Sindku wieġeb li l-proposti bil-kitba ta' Transport Malta fil-fatt waslet wara s-seduta ta' kontinwazzjoni u għalhekk huwa kkonsulta mal-Kunsillieri J. Buttigieg dwar it-test ta' din l-ittra qabel ta t-tweġiba tiegħu lil Transport Malta fid-dawl tad-diskussjoni li kien hemm fil-ġurnata ta' qabel fil-Kunsill. Hu stqarr ukoll li minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni dehrlu li m'għandux jistenna sas-seduta li jmiss.

2.1.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkonferma l-istqarrija tas-Sindku fil-minuta 2.1.3.

2.1.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Titjib fil-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ (P/4/14)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.3.1. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti, u għarraf li l-*play equipment* tqiegħed f'postu, inkluż iż-żiemel li kien hemm qabel. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li tqiegħdu wkoll il-bankijiet, kif ukoll il-puġġaman, flimkien mal-bust tal-artist George Fenech.

2.2.3. Is-Segretarju għarraf li l-Korporazzjoni Enemalta approvat id-devoluzzjoni tad-dwal il-qodma li ser jiġu sostitwiti b'oħrajn ġodda tat-tip *floor lights*, *illuminated bollards* u l-fanali ornamentali li kien hemm qabel.

2.2.4. Is-Sindku fakkar li l-inawgurazzjoni ta' dan il-post ser issir fis-16 ta' Awwissu 2012 fil-ftuħ tal-Iljieli Melleħin 2012.

### 2.3.1. Estensjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv (K/1/2/Vol V)

2.3.2. Is-Sindku għarraf li fl-1 ta' Awwissu 2012 ġie ffirmat il-kuntratt dwar l-akkwist tal-fond Nru. 4, Triq il-Madonna ta' Fatima, Mellieħa.

2.3.3. Is-Segretarju qal li mal-iffirmar tal-kuntratt tħallas it-tieni pagament ta' €70,875 dovut lill-vendituri, kif ukoll is somma ta' €8,400 bħala bilanċ li kien fadal fuq it-Taxxa tal-Boll. Huwa fakkar li €21,000 tal-prezz u €2,100 bħala ħlas tal-Boll akkont, diġa tħallsu mal-konvenju f'Awwissu 2011. Is-Sur C. Debono spjega illi l-pagamenti li jmiss, apparti spejjeż notarili, legali u peritali, ser ikunu mqassma kif jidher hawn taħt:

- Diċembru 2012 - €39,375 it-tielet pagament
- Lulju 2013 - €39,375 ir-raba' pagament
- Diċembru 2013 - €39,375 il-ħames pagament

2.3.4. Il-Kunsill innota l-iskeda tal-pagamenti fil-kuntratt hija riflessa fl-estimi 2012 u l-pjan ta' ħidma 2012 - 2014.

### 2.4.1. Konkors Sportivi Melleħin tas-Sena (S/4/4)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.1.1. tat-tieni parti tas-seduta preċedenti u talab li jiġi rreġistrat fil-minuti li r-rebbieħa tal-konkors kienu kif jidher hawn taħt:

| Premju | Rebbieħa |
|---|---|
| L-Isportiv Mellieħi tas-Sena | Jason Martin (Atletika) |
| L-Isportiva Melleħija tas-Sena | Charmaine Mifsud (Atletika) |
| L-Uffiċjal Mellieħi tas-Sena | Mario Debono (Baseball) |
| L-Atleta Promettenti tas-Sena | Ryan Cutajar (Futbol) |
| It-Tim Sportiv tas-Sena | Mellieħa Athletic Club |

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.5.1. Proġett *Plan Today Act Tomorrow* (P/10/17)

2.5.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo irrefera għall-minuta 2.10.1. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti u qal li l-grupp irritorna Malta fis-7 ta' Awwissu 2012. Bħala parti mill-impenji li kellhom iż-żgħażagħ Melleħin fil-Latvia, kienet preżentazzjoni *power point* dwar il-mili ta' *curriculum vitae* u ittra li takkumpanjaħ. Saret ukoll preżentazzjoni dwar ir-reċikklar ta' prodotti billi jintużaw għal aktar minn darba għal użi differenti. Ġiet imtellgħa lejla Maltija permezz ta' ikel tradizzjonali Malti, liema kontribut kien jipparaġuna tajjeb ma' dak mogħti mill-gruppi l-oħra parteċipanti f'dan il-proġett. Saru wkoll żjarat f'irziezet fejn issir il-produzzjoni tal-butir u l-ġobon.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 08/08/12;
- Skeda ta' Pagamenti – 07/07/12 – 08/08/12;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 12/06/12 – 31/07/12
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Minuti – *Tender Adjudication Board* – 06/07/12
- Minuti – *Tender Adjudication Board* – 06/08/12

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Faċilitajiet ta' ħatt u tagħbija qrib lukandi (T/3/2/Vol X)

4.1.2. Saret referenza għal żewġ ittri datati 21 ta' Ġunju 2012 mibgħuta minn Sunsites, fejn appellaw lill-Kunsill jikkonsidra mill-ġdid t-talba tagħhom dwar l-allokazzjoni ta' faċilitajiet imsemmija fi Triq Snajjin qrib il-Pergola Club Hotel, u fi Triq Ġorġ Borg Olivier, faċċata tas-Solana Hotel.

4.1.3. Il-Kunsill ikkonferma d-deċiżjoni li ttieħdet fis-seduta Nru. 70 tat-28 ta' Mejju 2012 fir-rigward tat-talba li tinvolvi s-Solana Hotel fi Triq Ġorġ Borg Olivier. Dwar il-Pergola Club Hotel ta' Triq Snajjin, kien hemm qbil li għandu jiġi kkunsidrat l-allokazzjoni ta' post għal vettura waħda biss, bejn id-daħla ewlenija u l-garaxx tal-lukanda.

4.1.4. Ġie osservat ukoll li mhux qed isir użu tajjeb minn faċiltajiet simili fi Triq Dun Franġisk Sciberras, billi l-vetturi jiġu pparkjati n-naħa opposta tat-triq bir-riżultat li din qed tiġi mblukkata il-karreġġjata.

### 4.2.1. Introduzzjoni ta' *bus stop* fi Triq il-Biedja (B/6/Vol V)

4.2.2. Inqrat ittra datata 24 ta' Lulju 2012, mibgħuta mill-Land Transport Directorate fi ħdan Transport Malta, fejn għarfu lill-Kunsill li għandhom l-intenzjoni li jintroduċu *bus stop* ġdid

fi Triq il-Biedja qrib it-taraġ li jagħti għal Triq ix-Xifer. Dan wara li kien hemm talba mir-residenti.

4.2.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta sakemm il-*bus stop* isir fl-iktar parti wiesgħa tat-Triq il-Biedja, kantuniera ma' Triq ir-Raħħala.

### 4.3.1. Inġombru tal-Moll fil-Marfa (X/1/5)

4.3.2. Saret referenza għal ittra datata 28 ta' Lulju 2012 fejn id-Direttorat għall-Kontroll tas-Sajd talab l-għajnuna tal-Kunsill sabiex il-moll imsemmi jintuża mis-sajjieda għall-ħatt tal-ħut mingħajr xkiel. Dan minkejja li diġa twaħħlu tabelli u saru linji sofor u marki KEEP CLEAR. Irriżulta wkoll li filgħaxijiet u bil-lejl qed jinqalgħu argumenti bejn persuni li jkun qed jagħmlu l-*barbecues* u s-sajjieda, minħabba din ir-raġuni.

4.2.4. It-taqsima marittima ta' Transport Malta kkummentat li l-moll tal-Marfa huwa kklassifat bħala *official landing place* u għaldaqstant kull attivita` li mhux kompatibbli mal-iskop tal-moll hija pprojbita.

4.3.3. Billi, sa fejn huwa magħruf, il-Moll tal-Marfa jaqa' fir-responsabilita` ta' Transport Malta, il-Kunsill Lokali kien tal-fehma li għandu jiġi mistoqsi dwar jekk huwiex possibbli li jsiru *patrols* mill-ufficjali tat-Taqsima Marittima, ibbażata fil-Bajja tal-Mellieħa, partikularment filgħaxija u bil-lejl, bil-għan li jiġu evitat l-inċidenti mas-sajjieda li jkun jirrikjedilhom jidħlu bil-vetturi biex iħottu l-qabda tagħhom

### 4.4.1. Proġett ta' tisbiħ f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (P/4/20/Vol III)

4.4.3 Is-Sindku għarraf li minħabba diżgwid li nqalgħa mas-sidien tal-barijiet li jinsabu fil-misraħ, kif ukoll mil-lat estetiku, ġie deċiż illi minflok il-*bollards* fissi li kienu ppjanti, saru minflok qsari li jifirdu l-*area* fejn jitpoġġew l-imwejjed u s-siġġijiet mill-passaġġ li jwassal għall-parti pedonali tal-istess misraħ. Minħabba din ir-raġuni saret talba lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru sabiex jingħataw dawn il-qsari, liema talba ġiet approvata. Intalbet stima lill-Environmental Landscapes Consortium Ltd sabiex eventwalment dawn jinżammu fi stat tajjeb, billi jiġu pprovduti 1,200 pjanta tal-istaġun għalihom li jissaqqew tliet darbiet fil-ġimgħa għal 40 ġimgħa. Sabiex jingħata dan is-servizz ġiet ikkowotata s-somma ta' €4,106.40 bil-VAT inkluża. Is-Sur R. Cutajar qal li dan is-servizz jista' jingħata ma' servizzi oħra mogħtija mill-istess kuntrattur fir-rigward tal-ġonna pubbliċi. Il-Kunsill approva din il-proposta.

4.4.4 Is-Sur R. Cutajar aċċenna li l-kliem illi ser jitnaqqax fuq il-lapida kien diġa ġie mgħoddi lill-kunsillieri kollha u jinqara kif ġej:

*"MINN DAN IĊ-ĊENTRU STORIKU TAL-MELLIEĦA*

*BIL-BIBIEN MIFTUĦA*

*NISTEDNUK TISKOPRI*

*L-ISTORJA, IL-KULTURA U L-ĠMIEL NATURALI*

*LI GĦANDHA DIN IL-LOKALITA`.*

*MERĦBA FOSTNA*

*Proġett ta' tisbiħ u restawr*

*ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II*

*li sar bi sħubija bejn il-Kunsill Lokali u l-Gvern.*

*Inawgurat mill-Onor. Lawrence Gonzi*

*Prim Ministru.*

*13 ta' Awwissu 2012.*

*Proġett li sar taħt it-tmexxija tas-Sindku tal-Mellieħa Robert Cutajar"*

Il-Kunsill ikkonferma l-approvazzjoni tiegħu għat-test li reġa' ġie moqri waqt is-seduta. Il-Kunsill ġie mgħarraf li skont stima mogħtija minn Agius Marble Works, l-lapida tinvolvi spiża ta' €4,611.44 li €3,511.44 minnhom ser jitħallsu mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, filwaqt li €1,100 għat-tinqix tal-kliem, iridu jitħallsu mill-Kunsill. Il-Kunsill approva din in-nefqa.

4.4.5 Saret referenza għall-korrispondenza li għaddiet bejn il-Kunsill u l-GO plc dwar it-tneħħija ta' *cables* qodma li għadhom mwaħħlin mal-faċċati tal-bini. Sabiex isir dan ix-xogħol l-istess kumpanija talbet is-somma ta' €734.14 permezz ta' e-mail datat 3 ta' Awwissu 2012. Fid-dawl tal-fatt li l-GO plc ma użatx is-*service culvert* ipprovdut mill-Kunsill u għalhekk kellhom jsiru *ducts* apposta bi spiża addizzjonali, saret talba biex din l-ispiża ġġorha l-kumpanija. It-talba ġiet milqugħa skont *e-mail* datat 10 ta' Awwissu 2012.

4.4.6 Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-applikazzjoni DN154/12, intiża sabiex temenda dik oriġinali DN 796/11 dwar ix-xogħlijiet li saru fil-misraħ, ġiet approvata mill-MEPA. Is-Sindku qal li saret talba sabiex jinħareġ il-*compliance certificate*, bil-għan li jinġieb l-arloġġ tal-dawl.

4.4.7 Is-Sindku aċċenna wkoll għall-pompa tal-ilma li kellha titwaħħal fil-misraħ. Irrizulta li din m'għandiex iktar minn għoxrin sena, għaliex fuqha kien hemm il-marka tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Minħabba din ir-raġuni, il-Kunsill qabel li l-istess pompa m'għandiex titpoġġa fil-misraħ għaliex ma fiha ebda preġju.

4.4.8 Is-Sur R. Cutajar qal li ntaħaq qbil mal-Kummissarju tal-Pulizija sabiex il-kamra li kienet użata mid-*dispatchers* tal-karozzi tal-linja, tintuża minflok bħala uffiċċju informazzjoni għat-turisti. Il-Kunsill qabel u approva l-azzjoni li ttieħdet għaliex b'hekk jiġi evitat li ssir struttura oħra fil-misraħ.

4.4.9 Tressaq wkoll programm għall-inawgurazzjoni tal-proġett tal-misraħ mill-Prim Ministru l-Onor. Lawrence Gonzi fit-13 ta' Awwissu 2012. Huwa qal li dan ser ikun jikkonsisti f'kanzunetti, ħarsa lejn l-istorja tal-misraħ, siltiet mill-*musical* "El Mellaha", diskorsi tal-okkażjoni mis-Sindku u l-Prim Ministru, tħawwil ta' siġar u l-kxif tal-lapida. Kopja tal-programm sħiħ ġiet imressqa waqt is-seduta.

4.4.10 Il-Kunsill approva l-programm.

### 4.5.1. *Car Free Day* (A/4/5/Vol II)

4.5.2. Is-Sindku rrefera għal *e-mail* datat 10 ta' Awwissu 2012, mibgħut mill-Ministeru tat-Turiżmu, il-Kultura u l-Ambjent, fejn sar magħruf li ġiet approvata il-proposta mressqa mill-Kunsill sabiex jiġi mfakkar dan il-jum fis-16 ta' Settembru 2012. Intqal ukoll li l-għotjiet ser jitqassmu waqt konferenza stampa fl-4 ta' Settembru 2012.

4.5.3. Il-Kunsill innota dan l-iżvilupp.

### 4.6.1. Tnaqqis mill-Allokazzjoni Finanzjarja 2011 (F/1/2/Vol VIII)

4.6.2. Saret referenza għall-*e-mail* datat 31 ta' Lulju 2012 dwar il-ħlas lura ta' nofs it-tnaqqis li sar mill-allokazzjoni finanzjarja 2011 minħabba li l-istqarrijiet finanzjarji għas-sena 2010 ma waslux għand l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika fiż-żmien stipulat. Wara protesta li saret mad-Direttur tal-Gvern Lokali, permezz ta' ittra datata 18 ta' Ġunju 2012, ġie deċiż illi l-Kunsill jingħata lura dik il-parti li tnaqqset dwar ir-rapport tal-uditur, jiġiferi € 4,383.46.

4.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.7.1. Attivita` Sportiva fil-Bajja tal-Għadira (A/6/3/2 Vol 34)

4.7.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrefera għal applikazzjoni li saret mill-aġenzija Alpine Travel sabiex issir attivita` sportiva qrib il-Costa del Sol Lido fl-Għadira fid-19 ta' Settembru 2012, bejn is-2.00pm u l-4.00pm. Huwa staqsa dwar il-kriterji li fuqhom ġiet irrifjutata t-talba li saret mill-organizzaturi.

4.7.3. Is-Sindku wieġeb li fil-kaz ta' bajjiet illi għandhom l-istatus ta' *Blue Flag,* attivitajiet tat-tip imsemmija, mhux permessi bejn Mejju u Settembru, qabel is-6.00pm.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 8 ta' Awwissu 2012

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet Skeda ta' Pagamenti mitluba bejn is-7 ta' Lulju u t-8 ta' Awwissu 2012.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha inklużi fl-iskeda mressqa u għalhekk ġiet iffirmata. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku www.gov.mt.

## 7.1. Tħejjijiet għall-Iljieli Melleħin 2012 (A/5/3/5/Vol IV)

7.2. Is-Sindku għarraf li t-tħejjijiet għal dan l-avveniment għaddejjin b'ritmu mgħaġġel u biex jinqasam ix-xogħol, partikularment f'dak illi jirriġwarda l-gruppi li ser jieħdu sehem mil-lokalitajiet ġemellati. Is-Sur R. Cutajar ippropona li l-grupp minn Agia Napa jigi assenjat lill-Kunsillier P. Cutajar, il-grupp ta' Cavriglia jieħdu l-Kunsillier J. Buttigieg, filwaqt dak minn Adenau jieħdu l-Kunsillier C. Bartolo.

7.3. Il-Kunsillieri msemmija aċċettaw dan l-inkarigu u kien hemm qbil li t-tliet gruppi għandhom jittieħdu dawra mal-Mellieħa sabiex jiffamiljarizzaw rwieħom mal-post u possibilment f'postijiet oħra ta' interess barra mil-lokalita`.

7.4. Is-Sur R. Cutajar ippropona li s-Sindki ta' Agia Napa u Adenau u l-Viċi Sindku ta' Cavriglia, li ser ikunu qed jakkumpanjaw il-gruppi rispettivi, għandhom jiġu ppreżentati riġal ta' tifkira tal-ħġieġ maħdum f'Malta. Huwa qal id-ditta Marsovin aċċettat li tipprovdi ħamsin flixkun inbid lokali sabiex jiġu ppreżentati lill-parteċipanti l-oħra. Is-Sindku qal ukoll li l-Għaqda Dilettanti tan-Nar ser tospita l-istess gruppi waqt il-*barbecue* li ser isir mill-istess għaqda is-Sibt 18 ta' Awwissu f'Misraħ il-Parroċċa, bħala parti mill-Iljieli Melleħin.

7.5. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

7.6. F'dak li jirrigwarda l-arranġamenti tat-traffiku, il-Kunsill ġie mgħarraf li għaddejjin kuntatti ma' Transport Malta u ntlaħaq ftehim li sakemm ikunu magħluqa t-toroq ewlenin fil-qalba tal-Mellieħa, it-traffiku li jkun sejjer lejn Tramuntana jgħaddi minn Triq Lewis Wettinger, Triq il-Mellieħa, u mit-Triq tal-Wied Ta' Rdum, Triq Tal-Prajjet u Dawret il-Mellieħa. Traffiku sejjer lejn in-Nofsinhar, ser jiġi mgħoddi minn Dawret il-Mellieha u Triq Lewis Wettinger. Il-karozzi tal-linja ser isegwu l-istess rotta. Transport Malta esiġew ukoll li kemm-il darba tinqala' xi emerġenza, Triq Ġ. Borg Olivier u Triq il-Kbira, jinfetħu għat-traffiku anke waqt li jkunu għaddejjin is-serati.

## 8.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku li tgħid:

**"Billi fis-seduta Nru. 64 tal-4 ta' Jannar 2012, il-Kunsill iddeċieda li għandu jintalab servizz ta'** ***Accountant*** **u għalhekk saret sejħa għall-offerti (9/2012) skont l-artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993;**

**Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2012 ġiet ivvutata somma bil-għan li jingħata s-servizz imsemmi taħt il-vot 3160;**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandha tiġi addottata r-rakkomandazzjoni li saret mit-*Tender Adjudication Board* u għalhekk tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni u susseġwentement jiġi ffirmat il-kuntratt relattiv mas-Sur Daniel Galea, għall-perjodu ta' tlett snin b'effett mill-1 ta` Awwissu 2012, skont ir-rata kkwotata minnu fid-dokument tal-offerta.". (C/3/3).**

8.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod uninimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier C. Bartolo.

**9.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku E. Bartolo, li tgħid:**

**"Billi saret sejħa għall-offerti (10/2012) skont l-artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u r-Regolamenti dwar Offerti lill-Kunsilli Lokali - Avviż Legali 255 tal-2009, bil-għan li d-dħul għax-Xelters tat-Tieni Ġwerra Dinjija minn Triq il-Kappillan Magri jiġi faċilitat għall-persuni bi bżonnijiet speċjali ;**

**Billi l-offerti li ġew sottomessi sad-data tal-għeluq ġew evalwati mill-*Tender Adjudication Board* wara rapport tekniku mill-perit inkarigat mill-proġett, skont kif jidher fil-minuti tal-istess Bord tad-9 ta' Lulju 2012;**

**Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2012 hemm ivvutata somma biżżejjed sabiex tkopri l-proġett imsemmi (Vot 2370), filwaqt li l-Kunsill ġew allokati €8,100 taħt l-Iskema dwar Aċċessibilita` Aħjar fil-Lokalitajiet (Memo 7/2010), skont ittra mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali datata 9 ta' Diċembru 2011;**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-kumpanija Central Asphalt Ltd bil-għan li jitwettaq ix-xogħol involut, skont ir-rati ndikati fis-sottomissjonijiet li saru mill-istess offerent. ". (A/6/7/2/Vol II)**

9.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod uninimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Buttigieg.

**10.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier H. Fenech illi tgħid:**

**"Billi saret sejħa għall-offerti skond l-artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993, bil-għan li jkun hemm provista ta` *Dense Coated Mixes* meħtieġa għall-manutenzjoni tat-toroq;**

**Billi l-unika offerta li saret sad-data ta' l-għeluq ġiet evalwata mit-*Tender Adjudication Board* skont ir-rapport datat 9 ta' Lulju 2012.**

**Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2012 hemm ivvutata somma biżżejjed sabiex tkopri x-xiri ta` l-istess materjal taħt il-vot tat-Toroq u Bankini (2311);**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt għall-perjodu ta` tliet snin b'effett mill-1 ta' Awwissu 2012 mal-kumpanija Central Asphalt Ltd li offrew illi jfornu il-materjal skont ir-rati mogħtija fid-dokument ta` l-offerta relattiv.".
(D/3/1/Vol V)**

10.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod uninimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Azzopardi.

**11.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier P. Cutajar illi tgħid:**

**"Billi saret sejħa għall-offerti skont l-artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993, bil-għan li jkun hemm provista ta` konkos ta' diversi gradi in konnessjoni mal-manutenzjoni tat-toroq u xogħlijiet oħra;**

**Billi ż-żewġ offerti li daħlu sad-data tal-għeluq ġew evalwati mit-*Tender Adjudication Board* skond ir-rapport datat 9 ta' Lulju 2012.**

**Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2012 hemm ivvutata somma biżżejjed sabiex tkopri x-xiri tal-istess materjal taħt il-vot tat-Toroq u Bankini (2311);**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt għall-perjodu ta' tliet snin b'effett mill-1 ta' Awwissu 2012 mal-kumpanija Attard Brothers Ltd li offrew illi jfornu u jitrasportaw il-materjal skont ir-rati mogħtija fid-dokument tal-offerta relattiv.".
(D/3/1/Vol V)**

11.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod uninimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier C. Bartolo.

**12.1. Sejħa għall-Offerti Nru. 14/2012 – Servizz ta' *Contract Management* relatat ma' *Road Resurfacing* u Xogħlijiet Anċillari (K/6/5/3/Vol II)**

12.2. Dan l-*item* ġie pospost, peress li t-*Tender Adjudication Board* kien għadu ma kkunkludiex ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill.

**13.1. Sejħa għall-Offerti Nru. 1/2012 – Tindif u Żamma tal-Latrini Pubbliċi (L/3/Vol II)**

13.2. Dan l-*item* ġie pospost, peress li kienet għadha għaddejja diskussjoni dwaru fid-*Tender Adjudication Board*.

**14.1. Tismija ta' Toroq (T/4/1/Vol II)**

14.2. Is-Sindku qal li l-familjari tal-artist George Fenech talbu sabiex Taraġ il-Landiera jissemma' għaliħ. Is-Sur R. Cutajar qal li d-dar tas-Sur Fenech tinsab proprju f'din it-triq, filwaqt li attwalment mhux magħruf li jeżistu residenti oħra. Huwa ppropona li l-isem ta' Taraġ il-Landiera jinbidel għal "Triq George Fenech – Pittur – 1926 – 2011".

14.3. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk iddeċieda li jgħaddiha lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq.

14.4. Is-Sindku ssuġġerixxa wkoll li meta tinqala' l-opportunita` għandha tissemma triq oħra għall-Perit Carm Lino Spiteri – Perit u Politiku – 1932 - 2008.

14.5. Il-Kunsill laqa' ukoll it-tieni proposta tas-Sindku.

14.6. Il-Kunsillieri osserva li l-ismijiet tat-toroq li jinterċettaw Triq il-Parroċċa għandhom jiġu ndikati permezz tat-tabelli, minn Triq Sant' Anna sa Triq San Luqa.

**15.1. Dwal fi Triq Mons. Gużeppi Schembri (E/1/3/Vol IV)**

15.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo aċċenna li saritlu talba sabiex isiru dwal ġodda fi Triq Mons. Ġużeppi Schembri sabiex din tinxtegħel madwar il-blokka li għadha kemm inbniet mill-Awtorita` tad-Djar.

15.3. Il-Kunsill osserva li t-triq in kwistjoni hija skedata li ssir dalwaqt minn Transport Malta u għalhekk, kif isir normalment, għandhom jitqiegħdu *ducts* għall-*cables* bil-għan li aktar 'il quddiem jitwaħħlu dwal fuq l-arbli mqassma fuq il-bankina li ddawwar l-appartamenti tal-Gvern.

**16.1. Spażji għall-ipparkjar fi Triq il-Garni u Triq il-Lellux (T/3/2/Vol IX)**

16.2. Il-Kunsillier C. Bartolo aċċenna li qed ikun hemm ħela ta' spażju għall-ipparkjar fi Triq il-Garni u fi Triq il-Lellux. Huwa spjega li dan jista' jiġi kkontrollat permezz ta' *parking bays* biż-żebgħa.

16.3. Il-Kunsill laqa' it-talba.

**17.1. Restawr ta' proprjeta` devoluta (A/6/7/1)(P/4/4/Vol III)(A/6/7/3)**

17.2. Is-Sindku osserva li minkejja illi d-devoluzzjoni tat-Torri l-Abjad ilha diversi xhur li seħħet, mhux magħruf li saru kuntatti mal-MEPA dwar ir-restawr ta' dan il-bini, kif kien miftiehem mal-*Historical and Military Society*. Is-Sur R. Cutajar qal li ser isir kuntatt mal-*Contracts Manager* biex isir magħruf sa fejn wasal il-proċess mal-MEPA dwar l-applikazzjoni għar-restawr ta' dan it-torri. Huwa qal li dan japplika wkoll għad-*Defence Post* ta' Triq l-Għollieqa li ser tiġi assenjata lill-Għaqda Dilettanti tan-Nar sabiex tinbidel f'mużew tal-piroteknika fil-Mellieħa.

17.3. Is-Sur R. Cutajar ġibed l-attenzjoni wkoll li l-Batterija ta' Westreme teħtieġ ċerta manutenzjoni, partikularment fil-ħitan ta' barra.

17.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-*Contracts Manager* għandu jintalab jirrapporta dwar il-materji msemmija.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Seduta spiċċat fit-8.30pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012 fis-7.30pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**